MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-2 ta' April, 2007

Numru 771/2004

**Il-Pulizija**
**(Spt. Angelo Gafa')**
**vs**
**Mildred Pace**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Mildred Pace** ta' 29 sena, bint Joseph u Maria Dolores nee' Farrugia, mwielda Pieta' nhar l-24 ta' Marzu, 1975, residenti fi 'Chrismil', 140, Triq Santa Duminka, Zabbar u detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 178775(M);

Talli f'dawn il-Gzejjer, f'diversi jien fis-snin 1998 u 1999, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamilt uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqdejt b'qerq iehor, ingannajt jew billi urejt haga b'ohra sabiex

iggieghel titwemmen l-ezistenza ta’ ntraprizi foloz jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamilt qligh li jeccedi l-elf lira Maltin [Lm1,000] ghad-detriment ta’ diversi sidien ta’ vetturi mixtrija minghand Montebello Enterprises Ltd;

Kif ukoll talli fl-istess cirkostanzi, xjentement ghamilt uzu minn dikjarazzjonijiet jew certifikati foloz;

U aktar talli fl-istess cirkostanzi ghamilt falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamilt uzu minn xi dokument iehor iffalsifikat;

Talli talli fl-istess cirkostanzi bhala ufficjal jew impjegata pubbliku, in konnessjoni mal-kariga jew impieg tieghek, tlabt, ircevejt jew accettajt ghalik jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta’ xi rigal fi flus jew f’utli iehor, jew ta’ xi vantagg iehor, li ghalihom int ma kellikx jedd, u minhabba dan inqast li taghmel dak li kien fid-dmir tieghek li taghmel;

Kif ukoll talli fl-istess cirkostanzi bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, fl-ezercizzju tad-dmirijiet tieghek, ghamilt falsifikazzjoni b’firem foloz jew b’tibdil f’atti, fi skrittura jew f’firem, jew billi dahhalt isem ta’ persuna mhux vera, jew b’kitba maghmula jew imnizzla f’registri jew f’atti pubblici ohra, wara li jkunu ga ffirmati jew maghluqa;

U aktar talli fl-istess cirkostanzi bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, biddilt bil-qerq is-sustanza jew ic-cirkostanzi ta’ atti li jidhlu fid-dmirijiet tal-kariga tieghek, sew billi nizzilt pattijiet diversi minn dawk li kienu gew iddettati jew maghmula mill-partijiet, kemm billi ddikjarajt bhala veri fatti foloz, jew bhala fatti maghrufa dawk li ma kienux;

Kif ukoll talli fl-istess cirkostanzi bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, illi minhabba l-kariga jew l-impieg tieghek, kont fid-dmir li taghmel jew taghti dikjarazzjoni jew certifikat, ghamilt jew tajt dikjarazzjoni falza;

U aktar talli fl-istess cirkostanzi fil-kapacita tieghek ta' ufficjal jew impjegat f'amministrazzjoni pubblika, jew impjegata tal-Gvern jew mal-Gvern, sew jekk kellek jew ma kellekx jedd li tesigi flus jew hwejjeg ohra bhala salarju tad-dmirijiet tieghek, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, taht il-libsa tal-kariga tieghek, esigejt dak li l-Ligi ma tippermettix jew izjed minn dak li tippermetti l-Ligi jew qabel iz-zmien li jmiss skond il-Ligi.

Il-Qorti hija mitluba sabiex f'kaz ta' htija fir-rigward ta' Mildred Pace barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tapplika l-provvediment ta' l-Artikoli 119, 141 u 190 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija finalment gentilment mitluba sabiex jekk ikun il-kaz, f'kaz ta' htija barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tikkundanna lill-imputata ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat n-nota ta' rinviju tal-avukat generali li permess taghha baghat lill-imputata quddiem din il-Qorti biex twiegeb ghall-akkuzi kif ravvizati fl-artikoli 18, 112, 115(c) 119, 141, 179, 180, 185(1), 186, 190, 308, 309 u 533 tal-Kap 9;

Rat ukoll n-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputata sabiex il-kaz kontra tieghu ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja skond l-artikolu 370(3) tal-Kap 9.

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi skond ix-xhieda tal-Ispettur Angelo Gafa', (fol 32 et seq), huwa kien gie a konjizzjoni tal-fatti li waslu ghall-akkuzi kontra l-imputata wara li kien ircieva kwerela minghand avukat bl-allegazzjoni li l-klijent tieghu kien xtara vettura minghand Charles Autodealer li minkejja li fil-Log Book taghha kienet indikata bhala tas-sena tal-

manifattura 1995, fil-fatt kienet tal-1991. Meta mitkellem mill-Pulizija, il-kwerelant kien qal li hu xtara din il-vettura impurtata mill-Gappun bis-sena tal-manifattura 1995 izda meta htieglu jaghmel xi tiswijiet fiha kien infurmat illi dik il-vettura ma kienitx manifatturata fl-1995 izda fl-1991; Il-Pulizija ghamlet il-verifiki taghha mad-Direttorat tal-Licenzji fejn irrizulta illi din il-vettura kienet impurtata bis-sena tal-manifattura dikjarata bhala 1991 izda dan inbidel ghall-1995 fil-process ta' registrazzjoni. Il-prosekuzzjoni allegat, kif konfermat mill-kwerelant illi dan kollu kellu persentagg qawwi fil-valur tal-vettura ghaliex wahda tal-1995 kienet tiswa aktar minn wahda tal-1991;

Minn aktar stharrig il-Pulizija sabet hamsa u erbghin log book b'sena ta' manifattura differenti mid-dikjarazzjoni ta' importazzjoni u dawn lkoll importati minn Montebello Enterprises fis-sena 1998. Dawn il-vetturi kollha kienu registrati mid-Direttorat mill-istess persuna bil-"user name" tal-imputata.

Il-prosekuzzjoni ressqet diversi sidien ta' vetturi li ddikjaraw li xtraw il-vettura taghhom minghand Montebello enterprises b'data ta' manifattura li wara irrizultalhom li kienet fittizja.

Fl-istqarrija tal-imputata esebita mill-prosekuzzjoni, l-imputata kienet ddikjarat illi hija kienet taghmel dan fuq rikjesta ta' John Farrugia u dan bi hlas li kien ivarja bejn ghaxar u hamsin lira ghall-kull vettura. Il-prosekuzzjoni esebiet l-istqarrija ta' John Farrugia li huwa ko-imputat izda fil-mori tal-kawzi il-prosekuzzjoni kienet talbet is-separazzjoni tal-gudizzju u peress illi din il-kawza illum hija biss fil-konfront tal-imputata, din il-Qorti mhix qed tiehu konjizzjoni tal-istqarrija ta' John Farrugia jew ta' persuni ohra;

Fix-xhieda taghha l-imputata iritrat dik il-parti tal-istqarrija taghha fejn iddikjarat li kienet tithallas biex taghmel l-emendi fil-log books. Dawn kienu vetturi importati second hand u hi kienet responsabbli biex tohrog l-ewwel log book izda meta kienet tara diskrepanza bejn dettall fil-computer entry tad-Direttorat u l-polza ta' assikkurazzjoni,

kienet temenda l-entratura biex taqra skond ic-certifikat tal-assikurazzjoni. Oltre dan, hija nnegat li kienet tiehu flus bi hlas minghand John Farrugia kif qalet fl-istqarrija izda li dan kien igilha xi hobza u softdrink li kienet tqis bhala kumpliment u mhux hlas. L-imputata izda qalet li certu John Montebello kien jaghtiha xi flus meta kienet tirregistralu xi hames vetturi godda f'daqqa, izda zgur mhux il-hamsin lira li semmiet fl-istqarrija. Fix-xhieda taghha l-imputata allegat illi meta kien taht interogazzjoni l-pulizija issikkawha biex tiddikjara somma akbar ta' flus li kienet tircievi bhala kumpens mill-25 centezmu jew z-zewg liri li qalet li irceviet.

L-imputata qalet li hija kienet gdida fid-Direttorat u kienet assenjata dak ix-xoghol minghajr ma inghatat tahrig u kull meta kienet tinqala' din id-diskrepanza kienet tistaqsi lil ta' magenbha u kienu jghidulha li setghet taghmel it-tibdil skond ic-certifikat tal-assikurazzjoni.

Ulisse Azzopardi xehed li kien jahdem fl-istess xoghol u magenb l-imputata u li kien ilu hemm ghall-hamsa u ghoxrin sena ikkonferma li l-uniku tahrig li kienu jinghataw kien wiehed ta' malajr biex jimla' il-vojt. Huwa qal li kien inkarigat mis-sezzjoni tal-vetturi godda u l-kuntatt li kien ikollu kien mal-messaggier tad-ditta u dawn ma kienux jikkumpensawh izda fl-ahhar tas-sena l-agenti gieli kienu jibghatu xi hamper jew flixkun whisky. Huwa spjega ukoll li kien jaghmel xoghol bhal tal-imputata izda qatt ma kellu kaz fejn id-dettalji entrati fl-ewwel parti tar-registrazzjoni jkunu differenti mit-tieni parti u cioe' fil-hrug tal-log book. F'kaz li kien ikun hemm xi diskrepanza bejn id-dettalji gia entrati fil-computer fl-ewwel parti tar-registrazzjoni u c-certifikat tal-assikurazzjoni "jiena f'dak il-kaz ma nghatix kas x'hemm imnizzel fl-insurance certificate". Dan imur kontra dak li qalet l-imputata fejn hi ddikjarat li kienet tistaqsi lill-haddiehor li dejjem qalilha biex timxi skond ic-certifikat tal-assikurazzjoni.

Silvana Bartolo li ukoll tahdem fid-Direttorat kkonfermat li s-sena tal-manifattura tal-vettura ma tistax tintimiss minn kif kienet registrata fl-ewwel u t-tieni fazi tar-registrazzjoni;

Ian Farrugia xehed illi kien jahdem fl-istess Direttorat mill-1993 sal-2001 u kien responsabbli minn dik il-parti tar-registrazzjoni fejn jikkomputa t-taxxa ta’ registrazzjoni. Kemm dam jahdem hemm qatt ma jiftakar li kien irritornat file lilu biex issir xi emenda fih.

Ikkunsidrat:

Illi kwantu l-fatti tal-kaz din il-Qorti m’hi qed tara l-ebda kontestazzjoni hlief ghal dak li jirrigwarda l-ammont ta’ flus li l-imputata kienet tircievi ghal-kull registrazzjoni u jekk tali ammont kienx jekwivalli ghall-hlas o meno. Din il-Qorti ghalhekk qed tibni l-gudizzju taghha fuq l-fatt illi bejn April u Dicembru tas-sena 1998 l-imputata, bhala ufficjal tad-Direttorat tal-Licenzji harget hamsa u erbghin log book ta’ vetturi lkoll importati f’Malta minn Montebello Enterprises Ltd f’liema log book id-data tal-manifattura ma kienitx kif entrata mid-Direttorat fl-ewwel parti tar-registrazzjoni izda inbidlet mill-imputata fuq talba tal-importatur skond ma kien jidher fuq ic-certifikat ta’ assikurazzjoni. Id-difiza qed tikkontesta kemm dan kollu jammonta ghar-rejati addebitati lilha meta hi ma kellhiex konnessjoni ma’ Montebello Enterprises, ma inghatat ebda tahrig meta kienet trasferita fid-direttorat, ma kellha l-ebda participiazzjoni fl-introjtu rizultanti minn dan kollu u ma kellha l-ebda relazzjoni mas-sidien futuri tal-vetturi.

Fl-ewwel akkuza kif ravvizata fl-artikolu 308 u sussidjarjament fl-artikolu 309 tal-Kap 9 l-elementi tar-rejat jikkonsistu fi xjenza li persuna tkun qed taghmel uzu minn mezzi kontra l-ligi kif ukoll li dan ikun qed isir bi qliegh bi hsara ta’ haddiehor. Fl-ewwel lok id-difiza, fin-nota ta’ sottomissjonijiet taghha, ssostni li l-imputata ma kellha ebda relazzjoni mal-imputati fi proceduri ohra sabiex tikkometti dawn ir-rejati ghaliex hija qatt ma kellha, u anqas biss kienet taf, lill-imputati l-ohra hlief lill-John Farrugia u ghalhekk ma jistax jirrizulta r-rejat ta’ komplicita’ fi frodi. L-imputata kienet ufficjal pubbliku responsabbli mill-hrug ta’ dokument ufficjali u kellha tara illi kull dokument li johrog taht il-firma taghha jkun konformi mad-dettalji tad-dokumentazzjoni kollha f’idejn id-Direttorat. Dan l-obbligu ma kienx onorat meta si tratta

tad-data ta’ manifattura ghaliex din bidlet id-data biex taqra data ohra kif provduta mill-importatur jew l-agent tieghu. L-imputata ma toffri l-ebda rezistenza dwar dan il-fatt izda tghid li dan ghamlitu apertament ghaliex imxiet fuq dokument serju li huwa c-certifikat tal-assikurazzjoni wara li kienet staqsiet lill-kollegi taghha jekk tistax taghmel tali tibdil. L-imputata xehdet illi hija kienet gdida fid-direttorat u qatt ma inghatat tahrig dwar dak ix-xoghol. Ix-xhieda li ressqet ikkonfermaw illi meta tinqala’ vakanza f’dik is-sezzjoni, pesuna gdida “tintefa” hemmhekk minghajr ma tkun inghatat xi forma ta’ tahrig. Ix-xhieda izda cahdu illi huma qatt kienu mistoqsija jekk jistax isir tibdil fid-data tal-manifattura u dan huwa mistenni ghaliex tali twegiba hija pjuttost inkriminanti f’invesitgazzjoni ta’ din il-portata. Il-Qorti, izda, issib certu nuqqasijiet fil-verzjoni tal-imputata ghaliex hi stess tikkonferma illi dan it-tibdil sar fuq registrazzjoni ta’ hamsa u erbghin vettura fuq medda ta’ tmien xhur u dejjem tal-istess importatur. Jekk verament staqsiet dwar jekk setghetx taghmel dan it-tibdil l-ewwel darba possibbli qatt ma okkorriela li dan kien qed jigri ta’ spiss wisq u ghalhekk terga tistaqsi jekk kienitx qed taghmel tajjeb jew le? Dan jorbot ukoll mal-allegazzjoni li l-imputata kienet taghmel hekk bi qliegh. Din tghid illi minkejja l-istqarrija taghha li ghaliha hassha ssikkata biex twiegeb b’dak il-mod, qalet li kienet tircievi hlas ta’ bejn ghaxra u hamsin lira ghal kull vettura. Fix-xhieda taghha quddiem din il-Qorti hija nnegat dan u qalet li John Farrugia kien jghmillha kumpliment billi jgibilha xi hobza u softdrink bhala kumpens b’mod generali tax-xoghol taghha u mhux ghax tirregistra tibdil fid-data tal-manifattura. Minkejja dan, u minkejja li l-istqarrija taghha inqratilha kollha waqt id-deposizzjoni taghha, hija tghid li John Montebello kien “forsi jaghtini xi haga f’idi”. Fl-istqarrija taghha a fol 44 l-imputata qalet li kienet tinghata flus biex tbiddel id-data tal-manifattura u dawn kien gieli ghaddew lilha minn taht il-counter u gieli barra meta tghaddilu l-pjanci minn wara r-reception. L-imputata tghid ukoll li meta John Farrugia kien gibdilha l-attenzjoni li id-data tal-manifattura trid tinbidel minn kif tidher fid-dokumentazzjoni ufficjali, dan kien jiddikjara li kien gia informa lill iskrivana l-ohra responsabbli mill-hrug tal-ewwel parti tad-dokumentazzjoni. L-imputata kienet ilha

tahdem mal-Gvern u qabel it-trasferiment taghha mad-dipartiment tal-Licenzji fl-1995 kien tahdem il-Posta u ghamlet zmien tahdem il-Licenzji qabel inghatat l-inkarigu tar-registrazzjoni tal-vetturi. Ghalhekk l-imputata kienet matura bizzejjed fix-xoghol taghha biex tgharaf li bdil f’dokumentazzjoni ufficcjali tehtieg ferm aktar minn semplici talba tal-applikant li jghid li kien gia informa lill-haddiehor u jipprezenta certifikat ta’ assikurazzjoni li jinhareg fuq informazzjoni li jipprovdi l-istess applikant. Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma illi l-imputata kellha ix-xjenza rikjesta fl-element tar-rejat kif ravvizat fl-artikolu 309 u di piu’ illi tali bdil fid-dati sar bi hsara ta’ haddiehor. Id-dannu jikkonsisti fil-fatt illi l-akkwirenti prospettivi tal-vetturi kienu jhallsu aktar ghall-vettura tal-1995 milli ghall wahda tal-1991 kif xehdu huma stess;

Ikkunsidrat inoltre illi l-akkuzi l-ohra kontra l-imputata huma kollha konsegwenza tal-ewwel akkuza u kollha jirrikjedu l-elemet ta’ xjenza konsistenti fil-konsapevolezza li l-awtur ikun qed jaghmel bdil f’dokumentazzjoni ufficjali u l-uzu tieghu ghal-skop ta’ qliegh jew dannu ta’ haddiehor. Il-Qorti hi tal-fehma illi l-kokluzzjonijiet taghha dwar l-ewwel akkuza u cioe li l-imputata kienet taf li qed taghmel azzjoni kontra l-ligi u dan bi qliegh ghaliha u ghad-detriment ta’ terzi, hija ukoll applikabbli ghall-akkuzi l-ohra.

Ghal dawn il-mottivi ssib lill-imputata hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghha bit-tieni akkuza kompriza u involuta fl-ewwel akkuza;

Rat l-artikoli artikoli 18, 112, 115(c) 119, 141, 179, 180, 185(1), 186, 308, 309 u 533 tal-Kap 9;

Rat il-fedina penali nadifa tal-imputata;

Stante li l-imputata hija first offender il-Qorti qed tilliberaha bil-kondizzjoni li ma taghmilx rejat iehor sa zmien tlett (3) snin mil-lum skond l-artikolu 22 tal-Kap 446 wara li l-Qorti staqsieta jekk kienitx disposta toqghod taht kundizzjoni f’kaz li tkun liberata u wiegbet fl-affermattiv.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputata naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------